SWIEQI

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IL-HAMES KUNSILL 2007-2012**

**SEDUTA NUMRU 45**

**L-ERBGĦA 12 ta' JANNAR 2011 FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL FIL-5.00P.M.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| CARMEN SAID | SINDKU |
| JOE BONELLO | VIĊI SINDKU |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| RENE`ROSSIGNAUD | KUNSILLIER |
| GORDON SHEPHARD | KUNSILLIER |

Kien preżenti wkoll l-Accountant tal-Kunsill is-Sir Pierre Mangion.

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA.

## I APPROVAZZJONI TAL-BUDGET 2011

1. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-estimi tal-budget 2011.
 Ġie spjegat fid-dettal kull nefqa fuq kull vot. Saret spjegazzjoni wkoll mill-Accountant tal-Kunsill is-Sur Pierre Mangion.
 Il-Kunsill ġie nfurmat li din is-Sena sar tnaqqis mill-allokazzjoni meta komparata mas-Sena 2010. It-tnaqqis huwa ta' €1079.
 Gie spjegat ukoll li ser ikun diffiċli li l-Kunsill ikopri l-fondi kollha relatati mall-kuntratti jekk ma isirx tnaqqis mill-fond allokat għat-toroq. Dwar dan is-Segretarju Eżekuttiv ġie inkarigat li jikkomunika mad-dipartiment.
 Ġie spjegat ukoll il-business plan li kien jitratta dwar il-proġett ta' Triq il-Keffa.
 Il-Kunsillier Curmi qabel ma' l-estimi pero' talab li dawn in-noti li ġejjin għandhom jitniżżlu bħala footnote fil-budget.

   a. li f' dan il-budget jinkludi ukoll l-allokazzjoni tal- Madliena.
   b. li s-surplus li ser jibqa' mis-Sena 2010 ser jintuża għal parti mill-ispejjez għar-resurfacing ta' Triq il-Qasam.

Il-Kunsill unanimament approva l-estimi għas-Sena 2011. Il-Kunsillier Fenech ippropona u s-Sindku ssekondat.

## II AFFARIJIET OĦRA

1. Is-Sindku rrapurtat li ġiet avviċinata mit-Team tal-futbol dwar il-possibilta' li t-Tennis Court jintuża ukoll għat-training tal-futbol kif ukoll li jiġi organiżżat nursery għall-lokalita'.

   Il-Kunsillier Fava nforma li hu kien immarkata dwar din il-possibilta' fiż-żewġ laqgħat preċedenti. Il-Kunsillier kien spjega li jkun ferm tajjeb li kieku dan il-grawnd ikun jista jintuża minn aktar żgħażagh pero' għal xi raġuni il-Kunsill ma kienx qabel.

   Il-Kunsill ideċieda li dwar din il-possibilta' għandu jsir kuntatt mall-Perit tal-Kunsill. Għandu jiġi identifikat ukoll dwar liema turf għandu jintuża biex jakkomoda kemm il-logħob tat-Tennis kif ukoll it-training tal-futbol.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**